

## Sommarju ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni

tat-8 ta' Diċembru 2010

**li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea**

**(Każ COMP/39.309 – LCD)**

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 8761 finali)*

**(It-test bil-Ingliz biss hu awtentiku)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

*(2011/C 295/05)*

### I. DAĦLA

- (1) Fit-8 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li tirrigwarda proċediment taħt l-Artikolu 101 tat-Trattat u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, il-Kummissjoni qiegħda hawnhekk tippubblika l-ismijiet tal-partijiet u tal-kontenut prinċipali tad-deċiżjoni, inkluż kull penalità imposta, fid-dawl tal-interess leġittimu tal-impriżi fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom.
- (2) Verżjoni mhux kunfidenzjali tad-deċiżjoni hi disponibbli fis-sit elettroniku tad-Direttorat Ĝeneralis għall-kompetizzjoni fl-indirizz li ġej: <http://ec.europa.eu/competition/cartels/cases/cases.html>
- (3) Id-Deċiżjoni kienet indirizzata lill-entitajiet legali li ġejjin li jappartjenu lil sitt impriżi: Samsung Electronics Co. Ltd. u Samsung Electronics Taiwan Co. Ltd., LG Display Co., Ltd. u LG Display Taiwan Co., Ltd., AU Optronics Corporation, Chimei InnoLux Corporation, Chunghwa Picture Tubes, Ltd., HannStar Display Corporation.

### II. L-INDUSTRIJA TAL-LCD

- (4) Il-prodotti li għandhom x'jaqsmu mal-ksur huma pannelli kbar tal-LCD għat-TV, u tal-applikazzjoniċi tal-IT (monitors u notebooks). Il-pannelli tal-LCD huma magħmula minn folja tal-ħġieġ ta' taħt (tranżister forma ta' film irriq "TFT"), folja tal-ħġieġ ta' fuq (formazzjoni li tiffiltru l-kulur) u kristall likwidu injettat bejn iż-żewġ folji tal-ħġieġ, impoġġija quddiem sors ta' dawl biex iservu bħala skrin jew tagħmir elettroniku.

### III. PROċEDURA

- (5) Samsung ippreżentat applikazzjoni għall-immunità fil-[...], skont it-termini tal-Avviż ta' Klementa tal-2002 (<sup>(1)</sup>). Fil-[...], LG Display ippreżentat applikazzjoni għall-immunità/klementa.

<sup>(1)</sup> Avviż tal-Kummissjoni dwar l-immunità minn multi u tnaqqis f'multi f'każżejjiet ta' kartell (ĠU C 45, 19.2.2002, p. 3).

- (6) Fis-7 ta' Diċembru 2006, il-Kummissjoni nediet investiġġazzjoni permezz ta' talbiet għall-informazzjoni skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 (<sup>(2)</sup>) lill-partijiet kollha kkonċernati.
- (7) Fil-[...], AU Optronics ippreżentat applikazzjoni għal klementa u kienet segwita permezz ta' sottomissionijiet sussegamenti.
- (8) Fis-27 ta' Mejju 2009 inħarġet id-Dikjarazzjoni tal-Oġġejż-jonijiet. Is-seduta orali saret fit-22 u t-23 ta' Settembru 2009.
- (9) Fil-[...], LG Display resqet talba għal klementa skont l-Avviż ta' Klementa tal-2002 (l-hekk imsejħa "immunità parżjali"), rigward is-sehem tagħha fil-kartell fil-[...] 2006.

### IV. IT-TĦADDIM TAL-KARTELL

- (10) Bejn il-5 ta' Ottubru 2001 u l-1 ta' Frar 2006, dawk li rċevv din id-Deċiżjoni daħlu farrangamenti anti kompetitivi sabiex direttament jew indirettament jiffissaw il-prezzijiet fis-settur tal-pannelli LCD. L-iffissar dirett tal-prezzijiet inkluda arranġamenti dwar żidiet fil-prezzijiet, firxa ta' prezzijiet u/jew prezzijiet minimi. L-iffissar indirett tal-prezzijiet kien riżultat ta' skambju regolari u puntwali ta' informazzjoni fuq il-prezzijiet, id-domanda, il-produzzjoni u l-kapaċċità tal-imgħoddi, tal-preżent u tal-ġejjeni.
- (11) L-evidenza li fuqha l-Kummissjoni tibbażza s-sejbiet tagħha tikkonsisti fost l-oħrajn minn minuti kontemporanji ta' madwar 60 laqgħa fix-xahar li fihom kienu jieħdu sehem is-sitt impriżi.

### V. RIMEDJI

#### 1. L-ammont bażiķu tal-multa

- (12) Skont il-Linji Gwida tal-2006 dwar il-multi (<sup>(3)</sup>), biex jiġi ddeterminat l-ammont bażiķu tal-multa imposta,
- <sup>(2)</sup> ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1.  
<sup>(3)</sup> Linji gwida dwar il-metodu ta' kif jiġu stabbiliti multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 (ĠU C 210, 1.9.2006, p. 2).

- il-Kummissjoni tibda mill-valur tal-bejgħ tal-oġġetti u servizzi tal-impriżza li miegħu jkollu x'jaqsam il-ksur fl-oqsma ġeografiċi rilevanti taż-ŻEE.
- (13) Il-Kummissjoni bħala bażi ħadet il-valur medju annwali tal-pannelli LCD mibjugħin direttament fiż-ŻEE mill-impriżza li ħadu sehem fil-karettell. Dan kien jinkludi bejgħ fiż-ŻEE kemm lill-konsumaturi tal-pannelli tal-LCD u kemm lill-konsumaturi ta' televiżjonijiet, moniters u notebooks fejn il-pannell tal-LCD kien trasformat internament mill-impriżza li kienet parti mill-kartell.
- (14) Meta wieħed iqis in-natura tal-ksur u l-firxa ġeografika tal-kartell, il-persentaġġ tal-ammont varjabbl u l-ammont addizzjonali ("il-multa tad-dħul") kien stabbilit għal 16 %
- (15) Il-kartell baqa' għaddej għal 4 snin, 3 xħur u 25 jum fil-każ tal-kumpaniji kollha minbarra Hannstar, li fil-każ tagħha dam għaddej 4 snin, tliet xħur u jum (1). L-ammont varjabbl ġie mmultiplikat b'4,25 snin għall-partijiet kollha minbarra għall-LGD li għaliha, peress li "l-immunità pazjali" għall-fatturat tagħha fl-2006 ġiet parżjalment aċċettata, il-multiplikatur kien ta' 4,16 snin.
- 2. Aġġustamenti għall-ammont bażiku**
- (16) Ma kien hemm l-ebda fattur aggravanti u attenwanti li ġie kkunsidrat mill-Kummissjoni, imma ġie applikat multiplikatur ta' deterrent ta' 1,2 fil-każ ta' Samsung skont il-punt 30 tal-Linji Gwida tal-2006 fuq il-multi.
- 3. L-applikazzjoni tal-limitu tal-fatturat ta' 10 %**
- (17) L-ammonti finali individwali tal-multi kkalkolati qabel l-applikazzjoni tal-Avviż ta' Klementa kien taħt l-10 % tad-dħul dinji tal-impriżza indirizzati.
- 4. L-applikazzjoni tal-Avviż ta' Klementa tal-2006: immunità u t-tnaqqis tal-multi**
- (18) Samsung kienet l-ewwel impriżza li pprezzentat informazzjoni u evidenza li ssodisfat il-kundizzjonijiet ta' punt 8 (a) tal-Avviż ta' Klementa tal-2002. Il-multa imposta fuq Samsung tnaqqset b'100 %.
- (19) LG Display ingħatat tnaqqis ta' 50 % u "immunità parzjali" għall-2006.
- (20) AU Optronics ingħatat tnaqqis ta' 20 %.
- (21) Minkejja li Chunghwa Picture Tubes ma applikatx formalment għal klementa, din ingħatat tnaqqis ta' 5 % firrigward tal-valur miżjud tas-sottomissionijiet tagħha.
- VI. DEĊIJONI**
- (22) Id-destinatarji tad-Deċiżjoni u t-tul ta' żmien tal-involvement tagħhom kien kif ġej:
- (a) Samsung, mill-5 ta' Ottubru 2001 sal-1 ta' Frar 2006,
  - (b) LGD mill-5 ta' Ottubru 2001 sal-1 ta' Frar 2006,
  - (c) AUO mill-5 ta' Ottubru 2001 sal-1 ta' Frar 2006,
  - (d) CMO mill-5 ta' Ottubru 2001 sal-1 ta' Frar 2006,
  - (e) CPT mill-5 ta' Ottubru 2001 sal-1 ta' Frar 2006,
  - (f) HannStar mill-5 ta' Ottubru 2001 sas-6 ta' Jannar 2006,
- (23) Għall-infrazzjonijiet imsemmija hawn fuq, ġew imposti l-multi li ġejjin:
- (a) Samsung Electronics Co. Ltd. u Samsung Electronics Taiwan Co. Ltd. EUR 0
  - (b) LG Display Co., Ltd. u LG Display Taiwan Co., Ltd. EUR 215 000 000
  - (c) AU Optronics Corporation EUR 116 800 000
  - (d) Chimei InnoLux Corporation EUR 300 000 000
  - (e) Chunghwa Picture Tubes, Ltd. EUR 9 025 000
  - (f) HannStar Display Corporation EUR 8 100 000